MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2003

Numru 84/2002

**Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)
(Spettur Stephen Mallia)
Vs
Pier(Pier Paul) Buttigieg
Steve Spiteri
Mark Dimech**

Il-Qorti rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija :-

Pier (Pier Paul) Buttigieg ta' 27 sena, iben David u Pauline nee' Dingli , imwieled Pieta fit-13.04.1974 u residenti 33, Flat 2, Ta' Xbiex Sea Front, Pieta, ID 195874M

Steve Spiteri, ta 20 sena, iben missier mhux maghruf u Maria Spiteri, imwieled Pieta fis- 07.08.1981 u residenti Nru 25, Triq il-Flotta, Gzira, ID 435381M

Mark Dimech, ta 20 sena, iben Peter u Jacqueline nee' Bugeja, imwieled Pieta fl-14.01.1982 u residenti Flat 4, Ent H, Binja Vista, Dun Mauro Inguanez Str B'Kara, ID 71282M

Talli fid-29.01.2002 u fil gimghat ta' qabel, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

a) ikkommettew serq ta' vettura ta l-ghamla Ford Escort (station wagon) bin-numru tar-registrazzjoni JBA 907 ghad-detriment ta Francesco Schembri minn Hal-Tarxien, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur li jeccedi l-Lm1000 u x-xorta tal-haga misruqa;

b) xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, u cioe il-vettura msemmija, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom

c) volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe il-vettura Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni JBA 907, liema hsara tiskorri l-Lm 50 izda anqas minn Lm500 ghad-detriment ta Francesco Schembri minn Hal-Tarxien

d) ikkommettew serq ta handbag kontenenti telefon cellulari u diversi dokumenti u affarijiet ohrajn ghad-detriment ta Daniela Farrugia mill-Qawra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-lok

e) xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, u cioe il-baskett bl-affarijiet imsemmi, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghuhom jew immexxuhom

f) ikkagunaw feriti ta natura hafifa fuq il-persuna ta Daniela Farrugia ta 16 il-sena, mill-Qawra skond ma

ccertifika Dr Andrew P. Zammit M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta

g) fis-27.12.2001 ghall-habta tas-7.00 p.m. f'Ta Xbiex ikkommettew serq ta vettura ta l-ghamla VW Golf bin-numru tar-registrazzjoni IDB 226 ghad-detriment ta Ian Debono minn San Gwann, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur li jeccedi l-Lm 1000 u x-xorta tal-haga misruqa;

h) fis-27.12.2001 u fil-jiem ta wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, u cioe il-vettura msemmija, mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieguha jew imexxuha;

i) fl-istess zminijiet u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe il-vettura VW Golf bin-numru tar-registrazzjoni IDB 226, liema hsara tiskorri l-Lm 50 izda anqas minn Lm 500, ghad-detriment ta Ian Debono minn San Gwann;

j) fl-istess zminijiet u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mashub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, billi wahhlu set ta' number plates foloz (IAL 076) fuq vettura ta l-ghamla VW Golf (numru tar-registrazzjoni IDB 226);

k) fl-istess zminijiet u cirkustanzi, ghamlu falsifikazzjoni jew ghamlu uzu minn dokument iehor falsifikat billi uzaw set ta '*number pl*ates' foloz (IAL 076) fuq vettura ohra ta l-ghamla VW Golf (numru tar-registrazzjoni IDB 226)

l) fil-5.12.2001 ghall-habta tad-9.15 p.m. f'San Giljan, ikkommettew serq ta vettura ta l-ghamla Kia Rio bin-numru tar-registrazzjoni GAK 419 ghad-detriment ta Ernest Gauci minn tas-Sliema, liema serq huwa

kkwalifikat bil-mezz, hin, valur li jeccedi l-Lm 1000 u x-xorta tal-haga misruqa;

m) U aktar fil-5.12.2001 u fil-gimghat ta wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, u cioe il-vettura msemmija, mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghuha jew imexxuha;

n) U talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe il-vettura Kia Rio bin-numru tar-registrazzjoni GAK 419, liema hsara tiskorri l-Lm 50, ghad-detriment ta Ernest Gauci minn tas-Sliema;

0) U talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhlu set ta number plates foloz (AAC 801) fuq vettura ta l-ghamla Kia Rio (numru tar-registrazzjoni GAK 419);

p) U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni jew ghamlu uzu minn dokument iehor falsifikat billi uzaw set ta number plates foloz (AAC 801) fuq vettura ohra ta l-ghamla Kia Rio (numru tar-registrazzjon GAK 419);

**U fil konfront ta' Steve Spiteri wahdu talli:**

1. fl-istess zminijiet u cirkustanzi, bhala l-persuna li accetta li jixtri jew ibiegh,jiskrapja jew b'xi mod iehor jiddisponi mill-vettura numru IAL 076 ta l-ghamla Lada, u l-vettura numru CAO 814 ta ghamla Citroen griza, naqas li jaghti avviz bil-miktub fi zmien sebat ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-bidla tas-sid jew twellija ta l-imsemmi vettura;

2. U talli fil-lejl ta bejn is-7 u t-8 ta Jannar 2002 f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Ford Escort bin-numri ta' registrazzjoni registrazzjoni LAU 778

ghad-detriment ta Carlo Gauci minn San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur li jeccedi l-Lm 1000 u x-xorta tal-haga misruqa;

3. U talli fil-lejl ta bejn is-7 u t-8 ta Jannar 2002 u fil-jiem ta wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe il-vettura msemmija, mehuda b'qerq , jew akkwistata b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghha jew imexxiha;

4. U talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe il-vettura Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni LAU 778, liema hsara tiskorri l-Lm 50 izda anqas minn Lm 500, ghad-detriment ta Carlo Gauci minn San Pawl il-Bahar;

U aktar talli kiser ordni tal-probation a tenur ta l-Art 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta Malta fejn huwa kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 18.07.2001 u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-Artikolu msemmi, u cioe, li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

**Fil-konfront ta' Pier (Pier Paul) Buttigieg wahdu talli;**

1. fil-05.01.2002 ghall-habta tas-6.45 p.m. f'Ta Xbiex ikkommetta serq ta l-ghamla Peugeot 406 bin-numru tar-registrazzjoni IGY 018, ghad-detriment ta Joseph Formosa mill-Imsida, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur li jeccedi l-Lm 1000 u x-xorta tal-haga misruqa;

2. U talli fil-05.01.2002 u fil-jiem ta wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe il-vettura msemmija, mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghha jew imexxiha;

3. U talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u

cioe il-vettura Peugeot 406 bin-numru tar-registrazzjoni IGY 018, liema hsara tiskorri l-Lm 50, ghad-detriment ta Joseph Formosa mill-Imsida;

4. U talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal set ta number plates foloz (JAT 076) fuq vettura ta l-ghamla Peugeot 406 (numru tar-registrazzjoni IGY 018);

5. U talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta number plates foloz (JAT 076) fuq vettura ohra ta l-ghamla Peugeot 406 (numru tar-registrazzjoni IGY 018);

6. U talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura u cioe Peugeot 406 bin-numru tar-registrazzjoni IGY 018 meta ma kienetx koperta b'licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u meta ma kienetx koperta b'polza ta l-assigurazzjoni

U aktar talli sar ricediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u ta l-Appell Kriminali, datati 23.06.1992 u 05.05.1997 rispettivament, liema sentenzi huma definittivi.

Kif ukoll talli kkommetta reati waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti ta l-Appell Kriminali datata 16.01.1998

**Fil konfront ta' Mark Dimech wahdu talli:**

1) sar ricediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 17.11.1999 u 24.01.2001 liema sentenzi saru definittivi.

2) U talli kiser ordni tal-probation a tenur ta l-Art. 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta Malta fejn huwa kien gie misjub hati ta sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 20.07.2001 u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-Artikolu msemmi.

3) U aktar talli ikkommetta reati waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 15.10.2001.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat in-nota ta l-Avukat Generali tat-18 ta Awissu 2003. Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti. Rat li l-akkuzati ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom u l-Qorti wissiethom x'jigifieri ammissjoni u huma tennew l-istess.

Issibhom hatja.

Rat fil-konfront ta l-akkuzat **Buttigieg** l-artikoli 18, 261 (b), (c), (f), (g),(a), (e), 263, 264, 265, 266, 262, 267, 269, 270, 271, 278, 279 (b), 280, 281, 187, 289, 49, 50, 17 (b) (h), 20, 31, 22, 23, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta, 15 (1) (a) u 18 tal-Kapitolu 65 u l-artikolu 3 (1) (2) tal-Kapitolu 104.

Tikkundannah tmintax il-xahar habs min liema zmien ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv.

Rat fil-konfront ta **Steve Spiteri** l-artikolu 18, 261 (a), (b), (c), (e), (f), (g), 263, 264, 265, 266, 262, 267, 269, 270, 271, 278, 279 (b), 280, 281, 187, 189, 17 (b) (h), 20, 31, 22, 23, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta, l-Artikolu 18 ta l-Kapitolu 65 u l-avviz legali 128 tal-1994, l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tikkundannah sentejn (2) habs liema sentenza ma ghandiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat iehor soggett ghall-prigjuneria fi zmien erba (4) snin mill-lum u hekk il-Qorti qed tapplika l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 bit-tama li l-hati jaqbad triq gdida. Tikkundannah minbarra hekk ihallas is-somma ta mitejn u hamsin (Lm250) lira Maltija multa li ghanhom jithallsu fi zmien sitt xhur. Il-Qorti qed tfisser lill-hati ir-risponsabbilitajiet tieghu taht l-ahhar imsemmi artikolu.

Fil-konfront ta **Mark Dimech** rat l-artikolu 18, 261 (a), (b), (c), (e), (f), (g), 263, 264, 265, 266, 262, 267, 269, 270, 271, 278, 279 (b), 280, 281, 187, 189, 289, 49, 50, 28A, 31, 20, 22, 23, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta, l-Artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446. Ser tapplika l-imsemmi artikolu 28A bit-tama li l-akkuzat ibiddel hajtu u qed tikkundannah sentejn (2) prigjunerija liema sentenza ma ghandiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jikkommetti reat iehor soggett ghall-prigjuneria fi zmien erba (4) snin mill-lum, flimkien ma hlas ta mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) multa li ghanda tithallas fi zmien sitt xhur mill-lum. Il-Qorti qed tfisser lill-hati ir-risponsabbilitajiet tieghu taht l-imsemmi artikolu 28 (A) tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti fil-konfront tat-tlett hatja qed timpedihom milli jkollhom jedd li jgibu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena (1) mill-lum u b'hekk qed tilqa t-talba tal-prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------